**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**36, VIDENZA, TRIQ Il-MITĦNA**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416111**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

# ID-DISA’ LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 09

Data tal-laqgħa: It-Tnejn 16 ta’ Diċembru 2024

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, fil-5:00 ta’ filgħaxija.

### PREŻENTI:
Anthony Dalli – Sindku
Calcedonio Cini – Viċi Sindku
Lorraine Farrugia Muscia – *Minority Leader*
Diane Abela Penza – Kunsillier

### ASSENTI B’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Carl Betts kien assenti b’apoloġija

### ASSENTI:
Ma kien hemm l-ebda membru assenti

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Dorianne Bonnici Bondin – Deputat Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

## 9.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

9.1.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji kien hemm waħda tal-Kunsillier Carl Betts fejn spjega li ma setax jattendi għal din il-laqgħa għax kien indispost. Il-Kunsill qabel dwar dan.

## 9.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 08

9.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tat-tmien laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

9.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti, mistoqsijiet jew matters arising u ma kienx hemm.

9.2.3 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Calcedonio Cini, li kien issekondat mill-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia Muscia l-minuti tat-tmien laqgħa ġew approvati unanimament.

## 9.3 Kunsiderazzjoni u Apporvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Lokalita' Nru.2 għas-sena 2024

9.3.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu ukoll il-Minuti tal-laqgħa tal-Lokalita nru.2. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

9.3.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti, mistoqsijiet jew matters arising u ma kienx hemm.

9.3.3 Fuq proposta tas-Sindku Anthony Dalli, li kien issekondat mill-Kunsilliera Diane Abela Penza l-minuti tal-laqgħa tal-lokalita' nru.2 ġew approvati unanimament.

## 9.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

9.4.1 <u>Triq Depiro Gourgion</u>
Is-Sindku tkellem dwar it-triq Depiro Gourgion li issa triq hija lesta mix-xogħolijiet. Huwa kompla jispjega li kien hemm xi żewġ residenti li mhumiex kuntenti dwar dawn ix-xogħolijiet fejn waħda mir-residenti qiegħeda tilmenta li kif tispiċċa t-triq fuq in-naħa ta' ġewwa hemm dislivell bejn triq u l-parti mħarbta ta' triq li kien diġa hemm pero issa kiber ħafna u ffurmat ħofra kbira. L-ilment tar-resident l-ieħor kien li l-kuntrattur li ħa ħsieb ix-xogħol irranġa l-parapetti tal-garaxxijiet kollha tar-residenti barra tiegħu. Hawnhekk is-Sindku spjega li mar fuq il-post u li l-kuntrattur irranġa ta' kulħadd fejn kien konkos jew madum pero dwar din ir-residenza hija għandha irħama tiswa' l-flus. Meta tkellem mal-kuntrattur hu spjegalu li minħabba li kien hemm dan l-irħama huma ma qabdux u kissru biex jirranġaw. Għalhekk issa l-kuntrattur ta' l-Infrastructure Malta għandhom ikellmu lil din ir-residenta biex jaraw kif ser jirranġaw.

9.4.2 <u>Kuntratt Anzjan Attiv</u>
Is-Sindku tkellem kif hu, il-Viċi Sindku flimkien mad-Deputat Segretarju Eżekuttiv fil-jiem li għaddew iltaqaw ma' xi membri mid-Dipartiment tal-Anzjan Attiv fejn qiegħed jiġi propost li nibdew nagħmlu żewġ attivitajiet fix-xahar lil anzjani tar-raħal tagħna u għalhekk għandna dan il-kuntratt biex nifermawh.

9.4.3 <u>Bankini Ġodda flimkien mal-Public Works</u>
Is-Sindku tkellem ukoll kif hu flimkien mad-Deputat Segretarju Eżekuttiv iltaqa' mal-Perit tal-Public works, il-perit tagħna u l-kuntrattur fejn kif diġa kulħadd jaf konna applikajna biex isiru tlett bankini ġodda fi triq Mikielang Borg, Triq Antonio Azzopardi u Triq il-Mitħna fejn ġie mfthiem li dawn għandhom jibdew għal nofs Jannar 2025 u ħmistax qabel ma jibda xogħol tintbagħat ittra lir-residenti kkonċernati biex jiġu avżati dwar dan.

## 9.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

9.5.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera bil-miktub ma kienx hemm. Hawnhekk is-Sindku staqsa jekk xi ħadd għandux xi mistoqsija li jista' jwieġeb.

9.5.2 Il-Kunsilliera Diane Abela Penza staqsiet dwar il-one way li hemm fi Triq Kardinal Ferretti li l-karozzi għadhom qiegħdin joħorġu one-way għal ġo triq Annibale Preca.

9.5.3 Hawnhekk is-Sindku spjega kif il-Community Police huma nfurmati dwar dan u li għandhom jagħmlu partrol frekwenti kif ukoll ser inwaħħlu vleġġa bħala sinjal tat-traffiku li turi li trid toħroġ il-barra ma' naħa l-oħra ukoll.

## 9.6 Korrispondenza

9.6.1 Ġie preżentat ir-rapport ta' Korrispondenza però ma kien hemm l-ebda mistoqsija dwaru.

## 9.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji għas-sena 2025

9.7.1 Is-Sindku hawnhekk ressaq iċ-ċirkulari li l-Kunsill Lokali rċieva dwar l-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2025 fejn din is-sena l-Kunsill Lokali tagħna ser jibbenifika minn €313,000.00 minflokk €357,000.00 tas-sena ta' qabel dan għaliex il-ġbir tal-iskart mhux ser jibqa jitħallas mill-Kunsill Lokali iżda direttament mir-Reġjun konċernat. Hawnhekk is-Sindku wera d-dispjaċir tiegħu fejn il-Kunsill Lokali qed jitnaqqsilhom mill-awtonomija tagħhom pero hu qal ukoll li d-Dipartiment xorta sostna li l-Kunsill Lokali huma responsabbli għall-ġbir tas-skart. Hu kompla jispjega fejn fil-passat jekk il-kuntrattur ma kienx jagħmel xogħolu sew kienet tinġibed l-attenzjoni u jitnaqqsulu ukoll l-flus issa dan kollu rridu nagħduh lir-Reġjun. Fl-aħħar is-Sindku qal li għandna nistennew iċ-ċirkulari tal-allokazzjoni fejn ikun spjegat dwar eżatt il-fondi settur settur għaliex kif ġie spjegat f'din iċ-ċirkulari l-fondi ta' l-iskart ser jibqaw għand il-Kunsill ser jitnaqqsu biss il-fondi għat-tipping fees.

9.7.2 Is-Sindku kompla jispjega din iċ-ċirkulari lill-Kunsilliera. Hu qal li l-fondi għal din is-sena huma €313,866.00

9.7.3 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv spjegat kif qiegħed jiġi preparat il-budget mill-accountant fejn ser ikun simili tas-sena l-oħra.

## 9.8 Festival taċ-Ċitru 2025

9.8.1 Is-Sindku spjega kif ix-xogħol dwar il-preparamenti tal-Festival taċ-Ċitru 2025 miexi u ser tkun ovvjament simili tas-sena l-oħra fl-istess post. Kompla jispjega kif ukoll qegħdin javviċinaw lill-Kunsill ħafna nies ta' l-artiġjanat biex jieħdu sehem din is-sena. Is-Sindku qal ukoll kif ukoll avviċinah xi ħadd li jixtieq jieħu sehem bil-ġelat tal-larinġ, kif ukoll avviċinawh il-Kumitat Festi Esterni biex jieħdu sehem ukoll jbiegħu l-kannoli bil-larinġ. Ix-xogħol dwar din l-attivita' ser jitkompla wara li tgħaddi l-attivita' ta' nhar l-Erbgħa 18 ta' Diċembru ta' l-anzjani.

9.8.2 Hawnhekk is-Sinjura Lorraine Farrugia staqsiet f'kas ta' maltemp x'jsir.

9.8.3 Is-Sindku qal li umbagħad naraw għaliex irridu naraw sa l-aħħar x'ser jiġri u f'kas inċaqalqu d-data.

## 9.9 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

9.9.1 <u>Performance Bonus ta' l-impjegati tal-Kunsill Lokali</u>

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda kopja tal-*appriasal performance reports* tal-ħaddiema klerikali għas-sena 2024, għall-approvazzjoni tas-Sindku u l-Kunsilliera.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li għas-sena 2024 b'kollox iridu jiġu kkunsidrati erbgħa (4) *appriasal reports*:

- Tas-Sinjura Dorianne Bonniċi Bondin fuq il-*performance* li hija tat fil-pożizzjoni ta' assistent prinċipal għal perjodu mill- 01 ta' Jannar sa 30 ta' Ġunju 2024;
- Tas-Sur Francesco Scicluna fuq il-*performance* li hija tat fil-pożizzjoni ta' Uffiċċjal Eżekuttiv għal perjodu mill-01 ta' Jannar sa 31 ta' Diċembru 2024;

- Tas-Suinjura Nicolette Mallia fuq il-*performance* li huwa ta fil-pożizzjoni ta' Skrivan għal perjodu mill-01 ta' Jannar sa 31 ta' Diċembru 2024;

9.9.2 Bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Dorianne Bonnici Bondin tkelmet fuq dawn l-*appraisal reports* u hija pproponiet li l-ħaddiema klerikali kollha msemmija jingħataw rapport tajjeb bil-*full performance bonus* ta' 6%, dan abbażi tal- *performance* eċċellenti li huma taw fil-pożizzjoni tagħhom matul is-sena 2024. Hija spjegat li huma kienu ta' għajnuna kbira fejn l-operat tal-Kunsill kien produttiv u mexxa tajjeb ħafna. Is-Sindku kompla ma' dak li qallet id-Deputat Segretarju Eżekuttiv fejn qal li tlett ħaddiema kienu ta' għajnuna f'kull ħin u għalhekk jaqbel li jingħataw il-full performance bonus.

9.9.3 Il-Kunsill unanimament approva dawn l-appraisal performance reports kif ġie rrakkomandat mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv. Minkejja li dawn ir-rapporti diġà ġew approvati l-impjegati xorta ser jingħataw il-performance bonus mal-paga ta' Jannar 2024, kif suppost għandu jsir.

9.9.4 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda ukoll kopja tal-*appriasal performance report* tagħha għas-sena 2024, mill-01 ta' Lulju sa 31 ta' Diċembru 2024 u tas-Segretarju Eżekuttiv is-Sinjura Pamela Seguna mill-01 ta' Jannar sa 31 ta' Diċembru 2024 għall-approvazzjoni tas-Sindku u l-Kunsilliera.

9.9.5 Is-Sindku ddiskutha dan ir-rapport mal-Kunsilliera u unanimament ġie approvat li kemm is-Segretarju Eżekuttiv is-Sinjura Pamela Seguna u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv is-Sinjura Dorianne Bonnici Bondin jieħdu l-full performance bonus bi persentaġġ full ta' 10% li għandu jiġi mgħotti minn naħa tal-Kunsill, għaliex il-kumplament tal-persentaġġ (ta' 5%) minn naħa tad-dipartiment tal-Gvern Lokali issa jrid jiġi approvat.

9.9.6 <u>Evaluation Report Patching Tender</u>

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv fakkret lis-Sindku u lill-Kunsilliera li meta sar l-opening ta' dan it-tender b'kollox kien hemm żewġ offerti. L-evalwazzjoni mill-bord saret u ġiet konkluża. Il-Bord tal-Evalwazzjoni qed jissuġġerixxi li din it-tender tingħata lil Dim and Co Ltd, għax bħala bidder huwa kellu l-irħas offerta.

9.9.7 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv spjegat kif diment li l-Kunsill jixtieq li jipproċedi abbażi tad-deċiżjoni li qed jissuġġerrixi l-bord ser tipproċedi bil-proċedura onlajn, fejn jitella r-rapport tal-evalwazzjoni u jintbgħatu n-notifiki bis-sistema lil bidders. Diment li wara għaxar t'ijiem minn meta jintbgħatu n-notifiki ma jkunx hemm appelli umbgħad ser jiġi kkuntatjat Dim and Co Ltd biex jiġi jiltaqgħa mal-Kunsill u jiffirma il-kuntratt biex jibda b'mod imminenti. Is-Sindku u l-Kunsilliera qablu li l-Kunsill għandu jimxi mad-deċiżjoni tal-bord.

9.9.8 <u>Kwotazzjonjiiet rigward is-Servizz ta' Avukat</u>

Id-deputat Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tlett kwotazzjonijiet dwar is-servizz ta' Avukat li l-Kunsill kien talab u rċieva.

9.9.9 Wara li saret diskussjoni dwar dan ġie apporvat unanimament li l-irħas kwotazzjoni li hija ta' Dr.Errol Cutajar tiġi approvata biex għal sena jingħata dan is-servizz lill-Kunsill.

9.9.10 <u>Xiri ta' Freezer</u>

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda għall-approvazzjoni tal-Kunsill kwotazzjoni dwar xiri ta' Freezer żgħira għall-attivitajiet li jkollu l-Kunsill bħal Christmas Market u l-Festival taċ-Ċitru u kull attivita' oħra.

9.9.11 Hawnhekk il-Kunsilliera unanimament qablu ma' din il-proposta li tinxtara din l-freezer.

9.9.12 <u>Xiri ta' Miżien għall-Festival taċ-Ċitru</u>

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill ukoll proposta biex jinxtara miżien biex jintuża għall-Festival taċ-Ċitru minħabba li l-miżien li kien jintuża kien żgħir ħafna.

9.9.13 Is-Sindku u l-Kunsilliera qablu unanimament ma' din il-proposta.

9.9.14 <u>Kollaborazzjoni ma' MHSA rigward Health Checks</u>

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv spjegat kif ġejjna avviċinati minn Health Officer ta' MHSA biex ir-residenti ta' Ħal Lija jibbenefikaw minn check ups dwar xi servizzi tas-Saħħa offruti minn dan id-dipartiment. Ġejjna nfurmati li dan is-servizz ser jingħata b'xejn għajr biss għall-Glucose Testing Strips li jiswew bejn €30 - €35 għal kull kaxxa ta' 50 strips.

9.9.15 Hawnhekk il-Kunsill qabel unanimament li dan is-servizz għandu jingħata u li l-Kunsill Lokali jħallas għal dawn il-Glucose Testing Strips.

## 9.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u spejjeż oħra

9.10.1 Qabel ma tressqet għall-approvazzjoni finali din l-iskeda, s-Sindku xtaq jerġa jikkjarifika li l-kont tar-Reġjun tal-ġbir ta' l-iskart domestiku għax-xahar ta' Novembru 2024 li fih jinkorpora ukoll ġbir ta' skart miċ-ċimiterju, skond kif kien ġie ddikjarat mir-Reġjun stess l-ispiża li għandha x'taqsam mal-ġbir ta' skart taċ-ċimiterju ser titħallas mill-Wasteserv Malta Ltd u kull m'għadd fadal hu li jiffirmaw il-kuntratt u għalhekk l-ammont ta' €424.80 ġie mnaqqs.

9.10.2 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti numru 12/24 li kienet tinkludi l-ammont tal-*petty cash* ta' €35.19 għax-xahar ta' Novembru 2024.

9.10.3 L-iskeda ta' ħlasijiet imressqa (numru 12/24) kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Minority Leader Lorraine Farrugia Muscia li kienet issekondatha mill-Kunsilliera Diane Abela Penza. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv fakret li peress li l-fergħa tal-HSBC ta' Ħal Balzan għalqet għal kollox, l-pagament tal-*petty cash* ser joħroġ fuq isem is-Sindku u s-Sindku umbagħad jagħti l-ammont tal-flus kontanti lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv lura.

## 9.11 Mozzjonijiet

9.11.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet kif mozzjonijiet ma kienx hemm.

## 9.12 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

9.12.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet kif applikazzjonijiet alarmanti riċenti ma kienx hemm.

## 9.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

9.13.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-Sindku staqsa lill-Kunsilliera jekk jixtiequx jagħmlu xi kummenti, suġġerimenti jew mistoqsijiet addizzjonali oħra.

9.13.2 Il-Viċi Sindku Donio Cini bħala responsabbli għall-anzjani flimkien mas-Sindku xtaqu jressqu xi tagħrif lill-Kunsilliera dwar attivitajiet għall-anzjani biex jiġu organizzati flimkien ma' dipartiment ta' l-Anzjan Attiv darbtejn f'xahar. Aktar kmieni dan ix-xahar is-Sindku, l-Viċi Sindku flimkien ma' Deputat Segretarju Eżekuttiv iltaqaw mal-ħaddiema ta' dan id-Dipartiment fejn ġie spjegat x'attivitajiet u laqgħat jistgħu joffru. Kif ukoll is-Sindku u l-Viċi Sindku organizzaw laqgħa ma' tlett persuni minn Ħal Lija biex ikunu Sotto Kumitat u dawn aċċettaw fejn huma lesti li jgħinnuna f'dawn l-attivita'. L-għan ta' dawn l-attivitajiet huwa li n-nies li m'għandhomx min joħroġhom jew jinsabu waħedhom ikollhom opportunita' biex joħorġu u jissoċjalizaw aktar fil-komunita'. Il-ħsieb huwa li dawn jsiru darbtejn fix-xahar nhar t'Erbgħau jsiru laqgħat, ħruġ kulturali u attivitajiet fiżiċi.

9.13.3 Il-Viċi Sindku xtaq ukoll jistaqsi dwar il-madum li ser jinbidel fi Vjal it-Trasfigurazzjoni.

9.13.5 Is-Sindku qal li dawn ix-xogħolijiet huma mnieżla biex isiru fil-lista tax-xogħolijiet.

9.13.6 Il-Minority Leader is-Sinjura Lorraine Farrugia Muscia xtaqet tistaqsi dwar il-proposta li kienet għamlet biex waqt l-attivita' ta' Mother Christmas jingħata xi ħaġa żgħira bħala rigal li kull tifel tifla. Hija qalet li kienet bagħtet email bil-prezzijiet ta' l-items fejn ma tantx kienu jiswew flus. Kif ukoll qed tissuġerixxi biex tinxtara ukoll qapiena biex tibqa' għand il-Kunsill għall-waqt din l-attivita'.

9.13.7 Hawnhekk is-Sindku qal li ser jara l-email dwar din il-proposta tar-rigali żgħar għall-waqt l-attivita', kif ukoll qal li għal sena oħra naħsbu biex nixtru qapiena.

9.13.8 Is-Sinjura Lorraine Farrugia Muscia qed tissuġerixxi ukoll li fl-area tas-Salvatur il-Qadim lejn il-Kappella tal-Belliegħa issir shelter għal qtates għaliex hemm xi erbgħin qattus. Kif ukoll kompliet iżied li ftit tal-jiem ilu attendiet laqgħa dwar riforma għall-cat feeders biex jiġi mogħdija din l-informazzjoni.

9.13.9 Hawnhekk is-Sindku spjega li dwar is-shelter tal-qtates viċin is-Salvatur il-Qadim ser jara jekk dan hux possibli li jsir. Kif ukoll dwar ir-riforma għall-cat feeders qiegħed jissuġerixxi li ssir laqgħa fejn tiġi mgħoddija din l-informazzjoni.

9.13.10 Is-Sinjura Abela Penza xtaqet ukoll tinforma lill-Kunsill li ftit tal-jiem ilu attendiet jumejn konferenza li ġiet organizzata mill-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ta' L-Alda dwar il-fondi tal-Unjoni Ewropea li vera kienet interessanti. Hi kompliet tgħid li l-Assoċċjazzjoni SEM issuġerit li l-Kunsilli Lokali jitolbu l-għajnuna tagħhom jekk japplikaw għal dawn il-fondi.

9.13.11 Hawnhekk is-Sindku qal li dawn il-fondi huma tajbin ħafna imma vera diffiċli biex tkun preċiż u tieħu l-fondi tagħhom. Pero ma naqtawx qalbna u fiż-żmien li ġej nippruvaw napplikaw xi fondi.

9.13.12 Fl-aħħar tal-laqgħa s-Sindku għan-nom tiegħu tal-Kunsilliera kollha flimkien mad-Deputat Segretarju Eżekuttiv jixtieq jawgura lir-residenti kollha ta' Ħal Lija l-Milied u s-Sena tajba mill-qalb.

9.13.13 Il-Ħin kien 6:10pm x'ħin ntemmet is-seduta. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta 14 ta' Jannar 2025 u kien hemm qbil b'mod unanimu biex il-laqgħa issir fil-5:00pm mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

Konfermati, illum it-Tlieta 14 ta' Jannar 2025.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
| Anthony Dalli | Dorianne Bonnici Bondin |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |